(3) *Ir-Repubblika Franċiża għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.*

([1]) ĠU C 80, 27.3.2010.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Lulju 2012 — Jackson International vs UASI — Royal Shakespeare (ROYAL SHAKESPEARE)**

**(Kawża T-60/10)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali ROYAL SHAKESPEARE — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti RSC-ROYAL SHAKESPEARE COMPANY — Raġunijiet relattivi għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark li għandha reputazzjoni — Artikolu 53(1)(a) u Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 (KE) — Probabbiltà ta' assoċjazzjoni — Vantaġġ miksub b'mod indebitu mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti")***

(2012/C 250/22)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Jackson International Trading Co. Kurt D. Brühl GmbH & Co. KG (Graz, Awstrija) (rappreżentanti: H. G. Zeiner u S. Di Natale, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

*Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* The Royal Shakespeare Company (Warwickshire, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: C. Barnett, solicitor u S. Malynicz, barrister)

**Suġġett**

Rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tad-19 ta' Novembru 2009 (Każ R 317/2009-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn The Royal Shakespeare Company u Jackson International Trading Co. Kurt D. Brühl GmbH & Co. KG.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Jackson International Trading Co. Kurt D. Brühl GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 100, 17.4.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2012 — Laboratoire Garnier vs UASI (natural beauty)**

**(Kawża T-559/10)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Kommunitarja figurattiva natural beauty — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2012/C 250/23)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Laboratoire Garnier et Cie (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: inizjalment R. Dissmann u A. Steegmann, sussegwentement R. Dissman, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: V. Melgar, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta' Settembru 2010 (Każ R 971/2010-1), dwar ir-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv natural beauty bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Laboratoire Garnier et Cie hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 38, 5.2.2011.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Lulju 2012 — Interspeed vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-587/10)** ([1])

***("Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Relazzjonijiet esterni — Sejħa għal offerti maħruġa mill-EAR li tikkonċerna xogħol fuq il-fruntiera ta' Preševo (Is-Serbja), il-finanzjament għal dan ix-xogħol u miżuri oħra relatati — Nuqqas ta' rabta kawżali")***

(2012/C 250/24)

*Lingwa tal-kawża: is-Sloven*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Holding kompanija Interspeed a.d. (Belgrad, is-Serbja) (rappreżentant: M. Bošnjak, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Erlbacher u B. Rous, aġenti)

**Suġġett**

Talba għal kumpens għad-danni li allegatament irriżultaw minn xogħol imwettaq fuq il-fruntiera ta' Preševo (is-Serbja) skont kuntratt iffinanzjat mill-EAR.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Holding kompanija Interspeed a.d. għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

---

([1]) ĠU C 89, 19.3.2011.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Lulju 2012 — Clorox vs UASI — Industrias Alen (CLORALEX)

**(Kawża T-135/11)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali CLORALEX — Trade marks nazzjonali verbali preċedenti CLOROX — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu (8)(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2012/C 250/25)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* The Clorox Company (Oakland, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: S. Malynicz, barrister, u A. Chaudri, solicitor)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Industrias Alen SA de CV (Nuevo León, il-Messiku) (rappreżentant: J. Astiz Suárez, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-16 ta' Diċembru 2010 (Każ R 521/2009-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn The Clorox Company u Industrias Alen SA de CV.

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tas-16 ta' Settembru 2010 (Każ R 521/2009-4), hija annullata.*

(2) *L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn The Clorux Company.*

(3) *Industrias Alen SA de CV għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

([1]) ĠU C 152, 21.05.2011.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Ġunju 2012 — L-Ungerija vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-37/11)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Strument temporanju intiż għall-finanzjament tal-azzjonijiet għall-fruntieri esterni ġodda tal-Unjoni għall-implementazzjoni tal-acquis ta' Schengen u l-kontroll tal-fruntieri (faċilità Schengen) — Kontribuzzjoni favur l-Ungerija għall-perijodu mill-2004 sal-2006 — Irkupru ta' parti mill-ammont imħallas — Att li jista' jiġi kkontestat — Inammissibbiltà")***

(2012/C 250/26)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* L-Ungerija (rappreżentanti: Z. Fehér, K. Szíjjártó u G. Koós, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Bottka u F. Coudert, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parzjali tan-nota ta' debitu Nru 3241011280 maħruġa mill-Kummissjoni fit-28 ta' Ottubru 2010, wara li ntbagħat ir-rapport finali lill-Ungerija dwar il-clearance tal-kontijiet tal-faċilità Schengen li tirrigwarda l-għajnuna mħallsa lill-Ungerija fil-perijodu mill-2004 sal-2006.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

(2) *L-Ungerija hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 95, 26.3.2011.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ġunju 2012 — Hamas vs Il-Kunsill

**(Kawża T-531/11)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Miżuri restrittivi fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu — Lis alibi pendens")***

(2012/C 250/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Hamas (Damasku, is-Sirja u Gaza, il-Medda ta' Gaza) (rappreżentant: L. Glock, avukat)